# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 133/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Tiziana Mifsud**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Tiziana Mifsud**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 559693(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. nhar is-27 ta' Mejju 2020 mill-ħin 14:00 hrs 'il quddiem ġewwa Block A3, Flat 5, Triq Mater Boni Consilii, Fgura bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex teżerċita jedd li ppretendiet li għandha, ġegħlet, bl-awtorita' tagħha nnifisha, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni,

tkun li tkun, jew fixklet lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew kisret il-mixi tal-ilma jew ħadet l-ilma għaliha, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħlet fi ħwejjeġ ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9;

2. għamlet b'diversi atti magħmulin minnha wkoll fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u jkun ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 85(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħha iżda b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberataha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) minn dakinhar tas-sentenza. *In oltre*, b'applikazzjoni ta' Artikoli 85(2) u 377 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lill-imputata sabiex fi żmien ġimgħa minn dakinhar tas-sentenza tgħaddi lura ċ-ċwievet lill-*parte civile* u dan taħt penali ta' għaxar Euro (€10) għal kull jum ta' nuqqas.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fis-17 ta' Mejju 2021 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka fl-intier, is-sentenza appellata tal-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fl-ismijiet premesi, u dana in kwantu sabitha ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, u konsegwentement tilliberaha minnhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha, il-Qorti ser tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Kwerela (*a fol.* 6 *et seq.*) rigward il-fond Blk A3, Flat 5, Triq Mater Boni Consilii, Fgura u li saret għan-nom ta' Cynthia Sghendo u Jesmond Sghendo. Fiha jingħad li Cynthia Sghendo kienet qed tamminstra dak li jappartjeni għal ommha Maria Sghendo permezz ta' prokura datata l-1 ta' Awwissu 2018 (*a fol.* 9 *et seq.*). Fil-kwerela jingħad li l-appellanti Tiziana Mifsud biddlet is-serratura tal-fond hawn fuq imsemmi abużivament u illegalment mingħajr il-permess bil-konsegwenza li l-familja Sghendo ma setgħetx taċċedi għall-fond proprjeta' tagħhom.

- Affidavit ta' **PS 1395 W. Muscat** (*a fol.* 13 *et seq.*) fejn issir riferenza għal kwerela hawn fuq imsemmija. Jgħid li fil-21 ta' Diċembru 2020 hu kien kellem lil Jesmond Sghendo li kien stqarr li l-appellanti kienet għadha qed tikkappara l-fond imsemmi illegalment billi qabbdet u biddlet is-serratura. Jgħid li skont ir-rapport li kien sar minn Cynthia u Jesmond Sghendo, dan it-tibdil sar mingħajr il-kunsens ta' Cynthia Sghendo li qed tamminstra l-fond.

- **Cynthia Sghendo** (*a fol.* 19 *et seq.*) xehdet li kienet qed taġixxi bis-saħħa tal-prokura ta' ommha peress li kienet ħalliet kollox f'idejha. Tgħid li kienet qalet lil ommha li l-appellanti kienet biddlet is-serratura tal-bieb u allura ma setgħetx tidħol fil-post.

- **Jesmond Sghendo** (*a fol.* 24 *et seq.*) qal li kien aċċetta li jagħti l-post lill-appellanti għal perjodu bejn erba' u sitt xhur. Jgħid li meta ġie biex jiċċaqlaq għall-post ta' ommu, l-appellanti kienet biddlet is-serratura u hu spiċċa barra u kellu jsib post alternattiv. Jgħid li kien talabha ċ-ċavetta kemm-il darba u minkejja li kien sar rapport l-Għassa u s-Surġent għamel kuntatt mal-appellanti, hija njoratu. Jgħid li l-appellanti kienet komda għax iċ-*childcare centre* kien viċin. Jgħid ukoll li l-appellanti qalet li kienet toqgħod hemm bi dritt u li la hu u lanqas oħtu Cynthia ma għandhom iċ-ċavetta tas-serratura li kienet biddlet l-appellanti. Jixhed li l-appellanti kienet baqgħet hemm 'il fuq minn sena u li fil-jum li kien qed jixhed quddiem l-Ewwel Qorti kienet għadha toqgħod hemm. Jgħid li l-fond huwa ta' ommu u missieru u allura għandu dritt jidħol ġo fih.

- Ittra legali (Dok. "TM 1" – *fol.* 22) datata 11 ta' Marzu 2020 fejn l-appellanti ngħatat ġimgħa ċans sabiex tivvaka l-fond in kwistjoni u tirritorna lura ċ-ċwievet.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-każ l-appellanti ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti bir-reat kontinwat tar-reat li jemerġi minn Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat huwa dak hekk imsejjaħ ta' *ragion fattasi* jew dak li jissejjaħ *"the exercise of a pretended right"*.

Illi għandu jingħad li l-azzjoni bbażata fuq Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija speċi ta' żona griġja bejn il-kamp ċivili u dak kriminali tant li meta kien qed jiġi abbozzat il-Kodiċi Penali Malti, Sir Andrew Jameson fir-Rapport tiegħu kien osserva s-segwenti:

> *"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages..."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo – Notes on Criminal Law (1958 edit.), Parti Specjali – Vol. II).

Illi l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* ġew miġbura fid-definizzjoni analitika mogħtija fl-14 ta' Ottubru 1944 fis-sentenza ta' l-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (Vol. XXXII – IV, p.768) u dawn jinkludu:

- att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;

- l-aġent irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;

- ix-xjenza tal-aġent li qed jieħu b'idejh ("*di privato braccio*") dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;

- l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

Illi, kif dejjem ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati, per eżempju, ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' ħaddiehor. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu t-tgawdija tagħha.

Illi r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diġa' ikollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid **Carrara** (Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850):

*"L'atto esterno deve privare l'altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi é nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perché la legge protegge lo "stato quo", il quale non puó variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autoritá giudiziale."*

Illi fir-rigward tar-raba' element hawn fuq imsemmi għandu jingħad li n-nuqqas ta' titolu jirrendi l-fatt aktar gravi b'dan illi huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Illi l-ġurisprudenza wkoll timxi mal-prinċipju li *"r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bħala delitt kontra l-proprjeta' iżda bħala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u amministrazzjonijiet pubbliċi oħra."*[1] Għandu jingħad li Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ntiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tissottometti li kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi l-imputazzjonijiet dedotti kontrieha jindikaw biċ-ċar min suppost allegatament huwa l-vittma tar-reat ta' *ragion fattasi.* Tgħid li dan huwa importanti għaliex fil-provi hemm konfużjoni dwar min kien il-kwerelant.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tirreferi għal dak li jiddisponi Artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. [...]"

Illi l-Qorti eżaminat iċ-ċitazzjoni li tirriżulta fl-atti proċesswali u fiha ma tara l-ebda nuqqas ta' xi element essenzjali li ssemmi l-liġi.

[1] Ara **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci** tas-7 ta' Jannar 1998, Qorti tal-Appell Kriminali.

Hemm imsemmija d-data, iż-żmien, il-fond in kwistjoni u l-imputazzjonijiet li bihom ġiet akkużata l-appellanti. Għandu jingħad li fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Awwissu 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** (Numru 34/2003), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Pero', kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwiżit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni (jew tal-imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minħabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruħu huwa jista' jġib dan l-ilment a konjizzjoni tal-Qorti biex din tieħu l-miżuri neċessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-Prosekuzzjoni, jitlob differiment jew postponiment biex ikun jista' jagħmel id-difiża tiegħu minflok ma jgħaddi għad-difiża <u>minnufih wara l-każ tal-prosekuzzjoni</u>."

Illi lanqas hija eżatta l-appellanti meta tgħid li mill-provi mhuwiex ċar min huwa l-kwerelant. Biżżejjed wieħed jeżamina l-kwerela (*a fol.* 6 *et seq.*) u l-affidavit ta' PS 1395 W. Muscat (*a fol.* 13 *et seq.*) li juru biċ-ċar min huma l-kwerelanti. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti tgħid li mill-provi jirriżulta li min ressaq il-kwerela ressaqha bi prokura. Tisħaq li mill-provi jirriżulta li l-fond huwa tal-Awtorita' tad-Djar u mikri lil Maria Sghendo li tgħix hawn Malta u li skont il-kwerela hija (l-appellanti) daħlet tgħix ġewwa r-residenza ta' ommhom u biddlet is-serratura mingħajr il-permess tagħhom. Tagħmel riferenza għal Artikolu 374 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmilha ċara li l-kwerelant ikun irid jidher fil-jum mogħti għas-smigħ u allura Maria Sghendo kellha tkun preżenti. Tisħaq ukoll li f'kull każ ix-

xiehda tagħha kienet meħtieġa ladarba din hija kawża kriminali u l-provi kienu kollha *detto del detto*.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li jirriżulta li Cynthia Sghendo kellha prokura minn għand ommha li tmur lura għas-sena 2018 li biha kellha l-amministrazzjoni tal-beni kollha ta' ommha. Dan ifisser li Cynthia Sghendo kellha kull dritt li tagħmel il-kwerela għaliex kellha dan il-poter li, bħalma sew qalet l-Ewwel Qorti, jista' jkun użat mid-dixxendenti għall-axxendenti.[2]

Illi bil-prokura li kellha f'idejha Cynthia Sghendo kellha kull dritt li tagħmel il-kwerela. Ma hemmx dubju anqas li anke Jesmond Sghendo kellu kull dritt li jagħmel il-kwerela. Dan kien il-post li fih kien jgħix ma' ommu u missieru u wara kollox hu kien silef il-post lill-appellanti għal bejn erba' u sitt xhur pero' hi baqgħet tokkupa l-fond sal-jum li huwa kien qiegħed jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Minkejja li kien talabha ċ-ċavetta għal iżjed minn darba, l-appellanti baqgħet ma tathielux wara li qabdet u biddlet is-serratura. Lanqas ma kien hemm bżonn li tixhed l-omm ladarba xehdu Cynthia u Jesmond Sghendo. L-importanti huwa li min għamel il-kwerela kien preżenti.

Illi l-appellanti lanqas hija korretta meta tgħid li x-xiehda kienet *detto del detto* u dana peress li Jesmond Sghendo xehed personalment. Barra dan, *ai termini* ta' Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li skont Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd *mutatis mutandis* għall-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali):

> "Il-Qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza

[2] Ara wkoll Artikolu 542 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: *"Jistgħu jagħmlu kwerela r-raġel għal martu jew il-mara għal żewġha, l-axxendenti għad-dixxendenti, id-dixxendenti għall-axxendenti, wieħed jew waħda mit-tfal f'isem l-ieħor jew l-oħra, kull persuna għal oħra li tkun taħt it-tutela jew il-ħsieb tagħha, kull amministratur jew rappreżentant ta' istituzzjoni pija jew korp morali ieħor magħruf mil-liġi, għal kull reat magħmul bi ħsara ta' dik l-istituzzjoni jew korp morali, u l-werrieta immedjati għar-reati magħmulin kontra l-awtur tagħhom."*

> sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-mertu; [...]."

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellanti.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju l-appellanti tgħid li kienet ingħatat permess biex tgħix ġewwa l-post in kwistjoni sakemm tlesti x-xogħol fir-residenza tagħha. Tgħid li hija ma kellhiex tinstab ħatja tar-reat ta' *ragion fattasi* għaliex m'hemmx l-elementi ta' dan ir-reat. Hija tisħaq li *se mai* kellha tkun akkużata b'reat ieħor u ssemmi l-approprjazzjoni bla jedd taħt Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza dwar ir-reat ta' *ragion fattasi* li saret aktar 'il fuq f'din is-sentenza b'dan illi jiġi nnutat li l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* huma ben stabbiliti.

Illi din il-Qorti tinnota li ma jfissirx li għaliex il-post in kwistjoni kien tal-Housing Authority allura kien hemm xi element tar-reat ta' *ragion fattasi* nieqes. Huwa biżżejjed li wieħed ikun inkwilin jew detentur tal-fond jew ta' xi għalqa u jista' jressaq il-kwerela dwar ir-reat ta' *ragion fattasi*. L-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal dan fis-sentenza tagħha. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li meta l-appellanti biddlet is-serratura, hija wettqet att estern u kellha l-kredenza li dan setgħet tagħmlu bi dritt. Jirriżulta li dan seta' sar bi proċess tal-Qorti Ċivili u mhux taqbad u tużurpa l-poter ġudizzjarju. Hija ma setgħetx taqbad u tieħu l-liġi b'idejha. B'hekk il-Qorti ssib li l-appellanti kienet akkużata bl-imputazzjoni korretta u għaldaqstant it-tielet aggravju tagħha qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl ta' dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li jista' iġiegħelha titbiegħed mill-konkluzjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta′ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Tiziana Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b′dan illi l-ordni mogħtija lill-appellanti mill-Ewwel Qorti sabiex fi żmien ġimgħa hija tgħaddi lura ċ-ċwievet lill-*parte civile* u dan taħt penali ta′ għaxar Euro (€10) għal kull jum ta′ nuqqas jibda jiddekorri mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**